KUNSILL LOKALI TAS-SLIEMA
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

TAS-SLIEMA

TAS-SLIEMA LOCAL COUNCIL
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

Telephone: +356 2133 7633
Fax: +356 2134 5333
Email: sliema.lc@gov.mt
Website: www.sliema-malta.com

**MINUTI TAS-SEDUTA NRU. 44 — IS-SITT KUNSILL**

L-erbgħa u erbgħin (44) seduta tal-Kunsill Lokali Tas-Sliema nżammet l-**Erbgħa 10 ta'Awissu, 2011** fis-5.40 ta' filgħaxija fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fi Triq Depiro, Tas-Sliema.

**PREŻENTI**

Is-Sindku Johanna Gonzi, (il-Viċi Sindku Cyrus Engerer daħal fis-5.45 ta' filgħaxija) u l-Kunsilliera Marianne Aquilina, Sandra Camilleri, Edward Cuschieri, Martin Debono, (Nicolai Gauci daħal fis-5.50 ta' filgħaxija), Julian Galea u (Patrick Pace daħal fis-6.10 ta' filgħaxija).

**APOLOĠIJI (Skont Ord. Perm. 14(3))**
Il-Kunsillier Yves Cali avża li ma setax jattendi minħabba raġunijiet personali.
Il-Kunsillier Nikki Dimech avża li ma setax jattendi minħabba raġunijiet personali.
Il-Kunsill ikkunsidra l-apoloġija tal-Kunsillieri msemmija bħala raġonevoli.

**UFFIĊĊJALI PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Svetlana Curmi
L-*Assistant Principal* Stefania Friggieri.

Is-Sur Joe Tabone, Head Monitoring Unit, Dipartiment Gvern Lokali
Is-Sur Chris Galea, Ufficjal Monitoring Unit, Dipartiment Gvern Lokali

Is-Sindku ppresediet.

***Il-Viċi Sindku daħal għas-seduta fis-5.45 ta' filgħaxija.***

44.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

44.1.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Seduta 37 (11 ta' Mejju 2011)

*44.1.1.1* Is-Sindku ressqet ghall-kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Kunsill il-minuti tas-Seduta 37 datata 11 ta' Mejju 2011.

***Il-Kunsillier N. Gauci daħal għas-seduta fis-5.50 ta' filgħaxija.***

*44.1.1.2* Ġie nnutat li l-Kunsilliera S. Camilleri u P. Pace għad iridu jiltaqgħu biex jisimgħu l-*voice recorder.* Is-Sindku qalet li fil-laqgha tal-Kunsill tal-21 ta' Lulju l-Kunsill kien qabel b'mod unanimu li l-Kunsilliera S. Camilleri u P. Pace kellhom jiftehmu biex jiltaqghu biex jisimghu l-*voice recorder* waqt il-hin tal-ufficcju u mhux waqt il-laqgha tal-Kunsill biex ma jintilifx hin.

*44.1.1.3* Il-Kunsillier N. Gauci qal li jrid jisma r-*recorder* waqt il-laqgħa. Is-Sindku qalet li ma ssibx problema li tkun imsejha laqgħa oħra apposta biex jinstema l-*voice recorder* biex il-Kunsill ma jkunx imfixkel mill-andamanet tieghu.

*44.1.1.4* Is-Sindku qalet li dan il-parir dwar jekk il-Kunsilliera jistghux jisimghu il-*voice recorder* ma giex moghti bil-miktub mid-Dipartiment ghal Gvern Lokali, iżda qalet li kienet giet infurmata b'mod informali li dan seta' jsir ladarba kien hemm qbil mill-Kunsilliera.

*44.1.1.5* Waqt il-laqgha intalbet kopja tal-korrispondenza li kien ircieva l-Kunsill.

Is-seduta ġiet sospiża fis-5.55 ta' filgħaxija. Is-Segretarju Eżekuttiv ħarġet għad-dokument imsemmi.

*Is-seduta tkompliet fis-5.56 ta' filgħaxija.*

*44.1.1.6* Kopja tal-korrispondenza mid-Dipartiment giet ipprezentata lill-Kunsill (***Anness "Dok A" mal-minuti***).

*44.1.1.7* Is-Sindku qalet li qed tipproponi li s-suggeriment tal-Kunsillier Gauci jkun attwat u ghalhekk ipproponiet li ssir laqgħa oħra biex jinstema l-*voice recorder.* Ma ttieħed l-ebda vot.

*44.1.1.8* Il-Kunsillier M. Debono għamel proposta biex il-Kunsill jiddiskuti l-ewwel *item* fuq l-Agenda cioe l-kunsiderazzjoni u l-approvazzjoni tal-minuti. Is-Sindku qalet li l-kunsiderazzjoni u l-approvazzjoni tal-minuti kienu mnizzlin bhala l-ewwel *item* fuq l-Agenda u l-Kunsill kien beda s-Seduta tal-lum bid-diskussjoni dwar il-minuti. Ma ittieħed l-ebda vot.

*44.1.1.9* Is-Sindku pproponiet li jiġu approvati l-minuti tas-seduta 37 tal-11 ta' Mejju 2011. Il-Kunsillier E. Cuschieri issekonda. Is-Sindku, Il-Kunsillier E. Cuschieri u J. Galea ivvutaw favur. Il-Viċi Sindku, il-Kunsilliera M. Aquilina, S. Camilleri, M. Debono u N. Gauci ivvutaw kontra.

44.1.1.10 Il-minuti tas-Seduta 37 ma ġewx approvati.

44.1.1.11 Is-Segretarju Eżekuttiv għandha tinforma lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar dan.

**44.1.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Seduta 38 (25 ta' Mejju 2011)**

44.1.2.1 Is-Sindku ressqet il-minuti tas-Seduta 38 datati 25 ta' Mejju 2011 għall-kunsiderazzjoni u l-approvazzjoni tal-Kunsill.

***Il-Kunsillier P. Pace daħal għas-seduta fis-6.10 ta' filgħaxija.***

44.1.2.2 Il-Kunsillier M. Debono ippropona emenda għal punt 38.3.1.10 tal-minuti tas-Seduta kif ġej.

"Qal li diġa hemm problemi tat-traffiku fi Triq Reġjonali u li din it-triq laħqet il-*peak* tagħha ta' *traffic flow* u qal li din ma tiflaħx aktar traffiku u għalhekk ma jistax jiżdied iktar traffiku minn Triq it-Torri għal Tigne. Qal li għalkemm il-Kunsill kien imwiegħed *traffic plan* holistiku mill-Gvern permezz tat-TM formalment ADT għal Tas-Sliema dan baqa' ma sarx u għalhekk mhux għaqli li jittieħdu dan it-tip ta' deċiżjoniet meta m'hemmx pjan holistiku tat-traffiku."

44.1.2.3 Il-Kunsilliera M. Aquilina ssekondat.

44.1.2.4 Il-Viċi Sindku, il-Kunsilliera S. Camilleri u N Gauci ivvotaw favur. Is-Sindku u l-Kunsillier J. Galea ivvotaw kontra. Il-Kunsilliera E. Cuschieri u P. Pace astjenew.

44.1.2.5 L-emenda proposta mill-Kunsillier Debono għaddiet b'erba (4) voti favur.

44.1.2.6 Is-Sindku ipproponiet l-approvazzjoni tal-minuti tas-seduta 38 tal-25 ta' Mejju 2011 b'din l-emenda. Il-Viċi Sindku ssekonda. Il-Kunsilliera M. Aquilina, E. Cushcieri, M. Debono, N. Gauci, J. Galea u P. Pace ivvotaw favur. Il-Kunsilliera S. Camilleri astjeniet.

44.1.2.7 Il-minuti kienu approvati bi tmien (8) voti favur.

**44.1.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Seduta 38 (25 ta' Mejju 2011)**

44.1.3.1 Is-Sindku ressqet il-minuti tas-Seduta 38 (kont 1) tad-9 ta' Ġunju 2011 għall-kunsideerazzjoni u l-approvazzjoni tal-Kunsill.

44.1.3.2 Il-Viċi Sindku ippropona li jiżdied il-kliem kif ġej mal-punt 38.3.29.1:

"Mir-risposta illi ngħatat talab lis-Segretaju Eżekuttiv sabiex tikteb b'mod formali lis-Sur Manwel Delia hekk kif kien talab hu stess."

44.1.3.3 Il-Kunsillier N. Gauci ssekonda.

44.1.3.4 Is-Sindku, il-Kunsilliera M. Aquilina, S. Camilleri, E. Cuschieri, M. Debono, u P. Pace ivvutaw favur. Il-Kunsillier J. Galea astjena.

44.1.3.5 L-emenda proposta mill-Vici Sindku ghaddiet b'disa' (9) voti favur.

44.1.3.6 Is-Sindku ipproponiet l-approvazzjoni tal-minuti tas-Seduta 38 (kont 1) tad-9 ta' Ġunju 2011 b'din l-emenda. Il-Viċi Sindku ssekonda. Il-Kunsilliera M. Aquilina, E. Cushcieri, N. Gauci, J. Galea u P. Pace ivvotaw favur. Il-Kunsilliera S. Camilleri u M. Debono ivvutaw kontra.

44.1.3.7 Il-minuti kienu approvati bi tmien (8) voti favur.

**44.1.4 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Seduta 38 (kont 2) tal-27 ta' Ġunju 2011**

44.1.4.1 Is-Sindku ressqet il-minuti tas-Seduta 38 (kont 2) tas-27 ta' Ġunju 2011 għall-kunsiderazzjoni u l-approvazzjoni tal-Kunsill.

44.1.4.2 Il-Kunsilliera S. Camilleri pproponiet li jizdied il-kliem kif ġej għal punt 38.1.7.1:

"Il-Kunsillier S. Camilleri qalet li trid tikkwalifika l-vot għax qed tgħid li hi vvutat kontra għax ma tħallitx tisma' r-*recording*."

44.1.4.3 Il-Kunsillier M. Debono issekonda.

44.1.4.4 Il-Viċi Sindku, il-Kunsilliera M. Aquilina, N. Gauci u P. Pace ivvutaw favur. Is-Sindku ivvotat kontra. Il-Kunsilliera E. Cuschieri u J. Galea astjenew.

44.1.4.5 L-emenda proposta mill-Kunsillier Camilleri għaddiet b'sitt (6) voti favur.

44.1.4.6 Il-Viċi Sindku ippropona li ssir korrezzjoni għal punt 38.7.23.1 fejn il-kliem "tal-art" ikun emendat għal "ta l-art". Il-Kunsillier N. Gauci issekonda. Is-Sindku, il-Kunsilliera M. Aquilina, S. Camilleri u M. Debono ivvutaw favur. Il-Kunsilliera E. Cuschieri, J. Galea u P. Pace astjenew. L-emenda proposta mill-Vici Sindku għaddiet b'sitt (6) voti favur.

44.1.4.7 Is-Sindku ipproponiet l-approvazzjoni tal-minuti tas-Seduta 38 (kont 2) tas-27 ta' Ġunju 2011. b'dawn iz-zewg emendi. Il-Viċi Sindku ssekonda. Il-Kunsilliera M. Aquilina, E. Cuschieri u J. Galea ivvutaw favur. Il-Kunsillier M. Debono ivvota kontra. Il-Kunsilliera S. Camilleri, N. Gauci u P. Pace astjenew.

44.1.4.8 Il-minuti kienu approvati b' hames (5) voti favur.

**44.1.5 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Seduta 39 ad hoc tal-15 ta' Ġunju 2011**

44.1.5.1 Is-Sindku ressqet il-minuti tas-Seduta 39 *ad hoc* tal-15 ta' Ġunju 2011 għall-kunsiderazzjoni u l-approvazzjoni tal-Kunsill.

44.1.5.2 Il-Viċi Sindku ppropona li jiġu approvati l-minuti tas-seduta 39 ad hoc tal-15 ta' Gunju 2011. Il-Kunsillier N. Gauci issekonda. Il-Kunsilliera M. Aquilina, S. Camilleri, E. Cuschieri u P. Pace ivvutaw favur. Is-Sindku, il-Kunsilliera M. Debono u J. Galea astjenew.

44.1.5.3 Il-minuti kienu approvati b' sitt (6) voti favur.

**44.1.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Seduta 40 ad hoc tas-27 ta' Ġunju 2011**

*44.1.6.1* Is-Sindku ressqet il-minuti tas-seduta 40 tas-27 ta' Ġunju 2011 għall-approvazzjoni.

*44.1.6.2* Is-Sindku ipproponiet li jiġu approvati l-minuti tas-seduta 40 tas-27 ta' Ġunju 2011. Il-Viċi Sindku issekonda. Il-Kunsilliera E. Cuschieri, J. Galea u P. Pace ivvotaw favur. Il-Kunsillier M. Debono ivvota kontra. Il-Kunsilliera M. Aquilina, S. Camilleri u N. Gauci astjenew.

*44.1.6.3* Il-minuti kienu approvati b' hames (5) voti favur.

*44.1.6.4* Il-Kunsillier M. Debono xtaq li jikkwalifika l-vot tiegħu u qal li hu qed jivvota kontra għaliex tniżżel assenti mhux skużat u qal li hu ma kienx attenda għal-laqgħa tal-Kunsill għax kien mietlu z-ziju. Is-Sindku qalet li seta' jibgħat email wara għaliex il-Kunsill ma jistax imur kontra Memo maħruġa mid-DLG li s-Sindku qalet li kull Kunsillier huwa konxju tagħha.

**44.1.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Seduta 26 ad hoc tat-13 ta' Lulju 2011**

*44.1.7.1* Is-Sindku ressqet il-minuti tas-Seduta 26 *ad hoc* tat-13 ta' Lulju 2011 għall-kunsiderazzjoni u l-approvazzjoni tal-Kunsill.

*44.1.7.2* Is-Sindku ipproponit li jiġu approvati l-minuti tas-Seduta 26 *ad hoc* tat-13 ta' Lulju 2011. Il-Viċi Sindku ssekonda. Il-Kunsilliera M. Aquilina, E. Cuschieri, J. Galea u N. Gauci ivvutaw favur. Il-Kunsillier M. Debono ivvota kontra. Il-Kunsilliera S. Camilleri u P. Pace astjenew.

*44.1.7.3* Il-minuti kienu approvati b' sitt (6) voti favur.

**44.1.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Seduta 41 tat-13 ta' Lulju 2011**

*44.1.8.1* Is-Sindku ressqet il-minuti tas-Seduta 41 tat-13 ta' Lulju 2011 għall-kunsiderazzjoni u l-approvazzjoni tal-Kunsill.

*44.1.8.2* Il-Viċi Sindku ippropona li jizdied il-kliem kif ġej wara punt 41.1.1.5:
"Għaldaqstant is-Sindku qalet li r-*recording* ma jistax jinstema".

*44.1.8.3* Il-Kunsillier N. Gauci issekonda. Il-Kunsilliera M. Aquilina, S. Camilleri u M. Debono ivvutaw favur. Is-Sindku ivvutat kontra. Il-Kunsilliera E. Cuschieri, J. Galea u P. Pace astjenew.

*44.1.8.4* L-emenda proposta mill-Viċi Sindku għaddiet b'hames (5) voti favur.

*44.1.8.5* Il-Kunsillier M. Debono ippropona li ssir emmenda f'punt 41.1.1.6 fejn ikun imhassar il-kliem "ma qablux ma' dan ghax qalu li l-Kunsill jabbozza l-minuti" u minflok jidhol il-kliem "ma qablux li ma jistgħux jisimgħu r-*recording*.'

*44.1.8.6* Il-Kunsilliera M. Aquilina issekondat. Il-Viċi Sindku, il-Kunsilliera S. Camilleri, E. Cuschieri u N. Gauci vvutaw favur. Is-Sindku, il-Kunsilliera J. Galea u P. Pace astjenew.

*44.1.8.7* L-emenda proposta mill-Kunsillier Debono għaddiet b'sitt (6) voti favur.

*44.1.8.8* Il-Kunsillier N. Gauci ippropona li jizdied il-kliem kif gej ghal punt 41.1.1.8 wara il-kliem "l-approvazzjoni tal-minuti":

"Jidher li d-direttivi li kienu jingħataw mingħand is-Sur Martin Bugelli, ex-Direttur temporanju tad-DLG, m'għadhomx japplikaw għal uħud mill-Kunsilliera ta' dan il-Kunsill".

*44.1.8.9* Il-Viċi Sindku issekonda. Il-Kunsilliera M. Aquilina, S. Camilleri u M. Debono ivvutaw favur. Is-Sindku ivvutat kontra. Il-Kunsilliera E. Cuschieri, J. Galea u P. Pace astjenew.

*44.1.8.10* L-emenda proposta mill-Kunsillier Gauci għaddiet b'hames (5) voti favur.

44.1.9 Il-Kunsillier M. Debono talab li tiġi sospiża l-laqgħa mill-procedimenti tagħha fis-7.10 ta' filgħaxija biex jitkellmu membri tas-Soċjeta ta' San Girgor. Is-Sindku qalet li l-Kunsill ghandu jimxi mal-ordni tal-Agenda. Il-Kunsill qabel mal-proposta tal-Kunsillier Debono.

***Is-Seduta tkompliet bil-procedimenti tagħha fis-7.14 ta' filgħaxija.***

44.1.10 Il-Kunsill iddiskuta proposta biex l-attivita li kien se jorganizza flimkien mas-Socjeta ta' San Grigor fil-31 ta' Awwissu tigi estiza ghat-30 ta' Awwissu mit-8.30 sal-11 ta' filgħaxija.

*44.1.10.1* Is-Sindku ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill li kemm-il-darba ġiet avviċinata minn *Residents Association* ta' Triq it-Torri li lmentat minħabba n-numru kbir ta' attivitajiet li kienu qegħdin isiru fix-xhur tas-Sajf fi Ġnien Indipendenza u li r-residenti esprimew li qed ikunu ta' inkonvjent għalihom. Il-Kunsillier M. Aquilina qalet li dan huwa l-Gnien ta' kulħadd u li l-Kunsill ma jistax iwaqqaf milli jsiru dawn it-tip ta' attivitajiet. Qalet ukoll li imnalla jkunu dawn in-nies li jorganizzaw dawn it-tip ta' attivitajiet.

*44.1.10.2* Il-Viċi Sindku ippropona li jingħata l-permess għal din l-attivita. Il-Kunsillier M. Aquilina issekondat. Il-Kunsilliera S. Camilleri, E. Cuschieri, M. Debono, N, Gauci u P. Pace ivvutaw favur. Is-Sindku u l-Kunsilliera J. Galea astjenew. Il-mozzjoni ghaddiet b' seba (7) voti favur.

*44.1.10.3* Kien hemm qbil unanimu li l-attivita tat-30 ta' Awwissu 2011 għandha ssir b'kollaborazzjoni mal-Kunsill Tas-Sliema u li tkun irrispettata d-decizjoni tal-Kunsill li jkun hemm *capping* ta'

€1500 u li s-Soċjeta San Girgor għandha tikkommunika mas-Segretarju Eżekuttiv biex jaghtuha d-dettalji ta' x'hemm bzonn f'termini ta' dwal, sound ecc.

44.1.11 Kien hemm qbil unanimu li s-Seduta terga tigi sospiża mill-procedimenti tagħha fis-7.16 ta' filgħaxija biex tikellem is-Sinjura Grace Borg dwar il-proposta li għandha għall-attivitajiet varji tal-Milied.

***Is-Seduta tkompliet bil-procedimenti tagħha fis-7.20 ta' filgħaxija.***

44.1.12 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill li kienet iltaqgħet mas-Sinjura Borg fejn infurmata dwar il-proceduri tal-Kunsilli Lokali biex il-Kunsill ikun jista' jorganizza attivitajiet u li l-attivita ghal Milied trid tiġi diskussa waqt laqgħa tal-Kunsill. Il-Kunsill ha konjizzjoni tad-dokument prezentat mis-Sinjura Borg b'lista ta' diversi attivitajiet li jistghu jigu organizzati ghal Milied.

*44.1.12.1* Is-Sindku pproponiet li ssir attivita tal-Milied u li l-Vici Sindku ghandu jiltaqa mas-Sinjura Borg minhabba li huwa l-Kunsillier responsabbli mill-attivitajiet kulturali. Il-Vici Sindku issekonda. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu ma' din il-proposta.

44.1.13 Is-Sindku fakkret li minhabba li l-Agenda giet sospiza għad irid jittieħed vot fuq il-minuti li kienu qegħdin jiġu emendati tas-seduta 41 tat-13 ta' Lulju, 2011.

*44.1.13.1* Is-Sindku ipproponiet li jiġu approvati l-minuti tas-seduta 41 tat-13 ta' Lulju, 2011 bi tlett emendi imressqa. Il-Kunsillier N. Gauci issekonda. Il-Viċi Sindku, il-Kunsilliera M. Aquilina, S. Camilleri, E. Cuschieri, M. Debono u J. Galea ivvutaw favur. Il-Kunsillier P. Pace astjena.

*44.1.13.2* Il-minuti kienu approvati b' tmien (8) voti favur.

***Il-Kunsillier M. Debono ġie skużat li jitlaq mis-Seduta fis-7.28 ta' filgħaxija.***

***Il-Kunsilliera S. Camilleri ħarġet mis-seduta fis-7.31 ta' filgħaxija.***

**44.1.14 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Seduta 41 (kont 2) tal-15 ta' Lulju 2011**

*44.1.14.1* Is-Sindku ressqet il-minuti tas-seduta 41 (kont 2) datati 15 ta' Lulju 2011 għall-kunsiderazzjoni u l-approvazzjoni tal-Kunsill.

*44.1.14.2* Il-Viċi Sindku ippropona li ssir emenda u li huwa stess u l-Kunsillier N. Gauci jitniżżlu bħala skużati u mhux assenti għal din is-seduta.

***Il-Kunsilliera S. Camilleri reġgħet daħlet għas-seduta fis-7.33 ta' filgħaxija.***

44.1.14.3 Saret diskussjoni dwar jekk il-Kunsilliera kellhomx ikunu imnizzla bhala assenti jew skuzati. Is-Sindku qalet li d-DLG kien ta gwida dwar dan. Il-Viċi Sindku fakkar li l-gwida mid-DLG waslet wara li kienet saret il-laqgħa. Qalet ukoll li minħabba l-assenza ta' certu Kunsilliera ghal din is-Seduta ma kienx hemm kworum biex il-Kunsill ikun jista' jiltaqa.

44.1.14.4 Il-Viċi Sindku rega' ppropona li ssir l-emenda li huwa stess u l-Kunsillier N. Gauci jitniżżlu bħala skużati u mhux assenti għal din is-seduta. Il-Kunsillier N. Gauci ssekonda. Il-Kunsilliera M. Aquilina, S. Camilleri u E. Cuschieri ivvutaw favur. Is-Sindku u l-Kunsillier J. Galea ivvutaw kontra. Il-Kunsillier P. Pace astjena.

44.1.14.5 L-emenda proposta mill-Viċi Sindku ghaddiet b'hames (5) voti favur.

44.1.14.6 Is-Sindku pproponiet li jiġu approvati l-minuti tas-seduta 41 tal-15 ta' Lulju, 2011 bl-emenda imressqa mill-Viċi Sindku. Il-Viċi Sindku issekonda. Il-Viċi Sindku, il-Kunsilliera M. Aquilina, S. Camilleri u N. Gauci ivvotaw favur. Is-Sindku u l-Kunsillier J. Galea ivvotaw kontra. Il-Kunsilliera E. Cuschieri u P. Pace astjenew.

44.1.14.7 Il-minuti kienu approvati b' erba' (4) voti favur.

***Il-Kunsillier N. Gauci ħareġ mis-seduta fis-7.41 ta' filgħaxija.***

**44.1.15 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Seduta 41 (kont 3) tal-21 ta' Lulju 2011**

44.1.15.1 Is-Sindku ressqet għall-kunsiderazzjoni u l-approvazzjoni tal-Kunsill il-minuti tas-Seduta 41 (kont 3) tal-21 ta' Lulju, 2011.

44.1.15.2 Kien hemm diskussjoni sħiħa dwar emenda li xtaq jagħmel il-Viċi Sindku fejn qal li hu kien qal li ghandha tintbaghat korrispondenza lis-Sur Manuel Delia u ufficjal iehor mill-Ministeru dwar is-servizz tat-trasport cirkolari u mhux lil Ministru. Is-Sindku qalet li kellha tikteb lil Ministru Gatt u kellha wkoll laqgha l-Ministeru dwar dan wara li kienet intbaghtet korrispondenza. Il-Vici Sindku qal li hu mhux hekk qal li kellu jsir. Qal ukoll li s-Sindku ma baghtitx korrispondenza lil Ministru. Is-Sindku qalet li baghtet il-korrispondenza lil Ministru Gatt u anke kellha laqgha ma' ufficjali mill-Ministeru . Is-Sindku qalet li fl-istess sett minuti hemm rendikont li tat hi stess lill-Kunsill. Il-Vici Sindku qal li dan mhux minnu.

***Il-Kunsilliera S. Camilleri ħarġet mis-seduta fis-7.43 ta' filgħaxija.***

***Il-Kunsilliera S. Camilleri u N. Gauci daħlu lura għas-seduta fis-7.44 ta' filgħaxija.***

***Il-Kunsillier P. Pace ħareġ mis-seduta fis-7.45 ta' filgħaxja.***

*Il-Kunsillier P.Pace daħal lura għas-seduta fis-7.49 ta' filgħaxija.*

*Is-Sindku ssospendit il-laqgħa fit-7.55 ta' filgħaxija għaliex ir-regoli tad-dibattitu kif elenkati fl-Ordnijiet Permanenti ma kienux qed jigu rispettati.*

*Il-laqgħa tkompliet bil-procedimenti tagħa fit-8.02 ta' filgħaxija.*

*44.1.15.3* Is-Sindku staqsiet jekk kienx hemm emendi ghal minuti tas-Seduta 41 datata 21 ta' Lulju, 2011.

*44.1.15.4* Il-Viċi Sindku qal li m'għandux emendi x'jagħmel.

*44.1.15.5* Is-Sindku ipproponiet l-approvazzjoni tal-minuti tas-seduta 41 (kont 3) tal-21 ta' Lulju 2011. Il-Kunsillier J. Galea issekonda. Is-Sindku, il-Kunsilliera E. Cuschieri u J. Galea ivvotaw favur. Il-Viċi Sindku, il-Kunsilliera M. Aquilina, S. Camilleri u N. Gauci ivvotaw kontra. Il-Kunsillier P. Pace astjena. Il-minuti ma ġewx approvati b'erba voti kontra

**Is-seduta ntemmet fit-8.05 ta' filgħaxija.**

**Laqgħa oħra ġiet imsejħa għat-22 ta' Awwissu 2011 fil-5.30 ta' filgħaxija.**

**Johanna Gonzi**
**Sindku**

**Svetlana R. Curmi**
**Segretarju Eżekuttiv**

Minuti approvati llum .........6.......... ......... ta' ......Ottubru...... 2011.
(jum) (data) (xahar)